# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 15 ta’Frar 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Kenneth Borg**
**Marvin Borg**

**Kumpilazzjoni Nru: 1294/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:-

**Kenneth Borg**, ta’ 41 sena, bin il-mejjet Carmel u Emanuela nee’ Debono, imwieled Pieta’ fit-12 ta’ Marzu 1974, residenti fil-fond numru 55, Triq Jannara, Birkirkara u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Maltija numru 153474(M); u

**Marvin Borg**, ta’ 35 sena, bin il-mejjet Carmel u Emanuela nee’ Debono, imwieled Pieta’ fis-16 ta’ Marzu 1980, residenti fil-fond Mack Buildings, Flat 5 Penthouse, Triq Anglu Mallia, Birkirkara u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 176880M.

Akkuzati talli nhar il-31 ta' Mejju 2014 ghall-habta tas-1:30am gewwa l-Kazin Banda Sant'Antnin, Triq Dun Filippu Borg, Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Mario Meli f'periklu car, ikkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi.

2. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Alexander Spiteri f'periklu car, ikkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba tikkunsidra lil Kenneth Borg bhala recediv ai termini ta' artikoli 49, 50 u tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mario Meli u Alexander Spiteri ai termini ta' l-artikolu 383 et sequiter, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li nqaghlet bejn l-imputati u certu Mario Meli u Alexander Spiteri nhar il-31 ta' Mejju 2014 fil-kazin tal-banda Sant' Antnin f'Birkirkara.

Illi Mario Meli jispjega li huwa flimkien ma zewg persuni ohra (Alex Spiteri u Alex Attard) marru l-kazin u kienu qed jiehdu drink meta dahal l-imputat Marvin Borg u beda jkellmu u jitfa botti fuq il-kazin; ghal dan id-diskors Meli qallu li ma jafx ghalfejn dahhlu din il-mibgheda kollha bejn il-kazini. Dak il-hin Alex (Spiteri) dar u qal lil Marvin Borg biex jiehdu drink flimkien tal-festa pero indahal Kenneth jaghjjat, u qabad banketta u ta daqqa biha lil Meli. Meli u Spiteri kienu ser johorgu mill-kazin pero huma u hergin

Kenneth Borg qabez fuq Alex Spiteri tefghu ma'l-art u bdew ituh (ma jispecifikax minn beda jaghtih id-daqqiet lil Spiteri). Meli jghid ukoll li huma marru il-kazin ta' Sant'Antnin dritt wara x-xoghol u l-incident inqala' meta huma kienu qed jiehdu l-ewwel drink.

Illi da parti tieghu Alexander Spiteri jirrakkonta li hu u Mario Meli kienu qed jiehdu drink mal-bar tal-kazin meta gie Marvin Borg ikellem lil Mario Meli u beda jizzikkah fuq il-kazin. Hu (Spiteri) dar fuq Borg taptaplu fuq spallejh u qallu biex jiehu drink tal-festa. Marvin qallu biex ma jmissux u fil-pront indahal Kenneth Borg billi taghhom daqqa bil-banketta. Spiteri jkompli jirrakkonta li meta kienu hiergin mill-kazin hass daqqa minn wara u waqa ma'l-art, Kenneth Borg intefa' bilqeghda fuq sidru u beda jaghtih bil-ponn. Spiteri ukoll qal li meta inqala' l-incident kienu qed jiehdu l-ewwel drink.

Illi  ta minn wiehed jirrileva li meta Spiteri gie mistoqsi jekk hu u Meli kienux wahedhom jew ma haddiehor meta marru l-kazin huwa qal li kienu wahedhom a differenza ta' Mario Meli li qal li kienu tlieta ghaliex maghhom kien hemm Alex Attard.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet xi xhieda ohra: Katerina Debono, Natasha Meli, u Clinton Debono. Minn dawn Katerina Debono u Natasha Meli ma kenux il-kazin u ma rawx il-glieda tisvolgi. Clinton Debono min-naha l-ohra kien qieghed il-kazin pero ghalkemm huwa kellu xi battibekk ma' certu Eucharist Debono dwar l-incident mertu ta' dawn il-proceduri ma jaf xejn[1].

Illi l-prosekuzzjoni prezentat ir-rapport dwar l-incident li gie konfermat mis-surgent li rredigieh. Meta Meli u Spiteri kienu qed jaghtu l-verzjoni taghhom dak in-nhar ta' l-incident huma qalu li l-ewwel kienu marru l-kazin ta'l-Ghama u meta ghalaq dan il-kazin marru l-kazin ta' Sant' Antnin. Hemm Marvin Borg beda jghaddi kummenti lil Mario Meli, Spiteri qallu biex jiehdu drink meta indahal Kenneth Borg u ta daqqa bil-banketta lil Spiteri li spicca ma'l-art; Meli qala' xi daqtejn minghand iz-zewg imputati. Meli u Spiteri hargu mill-kazin pero z-zewg imputati hargu warajhom u komplew jaghtuhom.

[1] Kull wiehed minn dawn ix-xhieda jirrakkontaw fatti li graw wara l-incident mertu ta' dawn il-proceduri u ghalhekk huma irrelevanti.

Illi huwa car li l-verzjoni mghotija minn dawn iz0zewg xhieda lill-pulizija hija xi ftit differenti mill-verzjoni mghotija quddiem din il-Qorti.

Illi z-zewg imputati rrilaxxjaw stqarrija u anke taw id-depozizzjoni taghhom quddiem il-Qorti.

Illi f'l-istqarrija Kenneth Borg jghid li hu kien qieghed il-kazin meta dahlu Meli u Spiteri; Spiteri qallu li ried ikellmu pero Borg ma tax kazu. Ftit minuti wara sema' kommozzjoni u dahal jigri fil-kazin u ra lil Meli bid-demm ma wiccu u lill Spiteri ma'l-art. Borg mar izomm lil Spiteri u qallu "int ser tkompli taghti lil hija" dan ghamillu sinjal b'rasu li le u Borg (Kenneth) mar izomm lil huh (Marvin) ghax kien agitat. Wara ftit Meli u Spiteri telqu. Fid-depozizzjoni tieghu Kenneth Borg jaghti bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni pero ma jghidx li huwa zamm lil Spiteri; aktar minn hekk fid-depozizzjoni tieghu jghid li mieghu kien hemm it-tifel tieghu ta' tnax il-sena u l-mara ta' Marvin.

Illi f'l-istqarrija tieghu Marvin Borg jirrakkonta li kien qieghed fil-kazin jghin lil minn kien qed izarma s-sound meta dahal Meli ma' tnejn ohra. Meli qabad argument ma' tal-bar ghalhekk hu (Marvin) mar ikellmu bil-kelma t-tajba pero sahan l-argument u Meli tah daqqa u gew f'l-idejn u daruh it-tnejn li huma cioe kemm Meli u Spiteri u hu iddefenda lilu nnifsu. Hu jzied li meta dahal huh (Kenneth) kien diga spicca kollox. Waqt id-depozizzjzoni tieghu Marvin Borg jaghti bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni pero din id-darba qal li l-ewwel intervent fiziku ghamlu Spiteri li mbottah u sabbat tazza li kellu f'idejh mal-bank u li kien f'dan l-istadju li ndahal Meli billi tah daqqa ta' ponn.

Illi aktar minn fir-rapport esebiet (u konfermat mis-surgent) hemm il-verzjoni mghotija mill-imputati malli marru l-pulizija fuq il-post ta'l-incident. Mir-rapport jirrizulta li z-zewg imputati qalu li mar Meli ma zewg persuni ohra; Meli u shabu bdew jghajjru lil Borg u gew f'l-idejn. Il-pulizija li marru fuq il-post innutaw li z-zewg imputati kellhom xi griehi zghar. Hadd minnhom ma semma' li l-imputat Kenneth Borg dahal fil-kazin wara li kienet diga spiccat fix-xejn il-glieda li nqalet bejn Marvin Borg, Meli u Spiteri.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom l-imputati qed jigu addebietati bir-reat ta' griehi gravi fil-konfront ta' Mario Meli u griehi hfief fil-konfront ta' Alexander Spiteri. L-imputat Kenneth Borg qed jigi addebietat ukoll bir-recidiva.

Illi mir-riassunt tal-verzjonijiet mghotija mill-partijiet koncernati jirrizulta ampjament li hemm diversi kunflitti; mhux biss hemm kunflitt fil-verzjoni generali li jaghtu Meli u Spiteri min-naha u l-verzjoni mghotija miz-zewg imputati min-naha l-ohra imma hemm diskrepanzi ukoll bejn dak li jghidu Meli u Spiteri u diskrepanzi bejn dak li jghidu l-imputati. Aktar minn hekk kull wiehed mill-persuni imsemmija ta verzjoni xi ftit differenti lill-pulizija li marru fuq il-post, f'l-istqarrija (fil-kaz ta'l-imputati), u waqt id-depoizizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti.

Illi minkejja dawn id-diskrepanzi u kunflitti l-Qorti hija konvinta li l-glieda sehhet u li involuti fiha kienu z-zewg imputati. Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li f'din il-glieda Mario Meli soffra girehi gravi fit-termini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li Alexander Spiteri soffra griehi hfif fit-termini ta'l-artikolu 221 ta'l-istess Kapitolu 9.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra iz-zewg imputati huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-imputat Kenneth Borg huwa addebietat ukoll bir-recidiva pero ma giet prezentata l-ebda sentenza in sostenn ta' dan l-addebietu li ghalhekk ma jistax jirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, ic-cirkostanzi li fihom sehh l-incident mertu ta' dawn il-proceduri, il-fedina penali ta' kull wiehed mill-imputati u anke r-rabta familjari bejn l-imputati u l-parte leza Mario Meli. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li ghal xi uhud dik li suppost hija okkazzjoni ta' ferh u pjacir ta' spiss qed taghti lok ghal hafna piki u glied anke bejn membri ta'l-istess familja. Dan huwa zbaljat ghall-ahhar u jehtieg li din l-attitudni tinbidel.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat Kenneth Borg hati tat-tielet imputazzjoni dwar recidiva u tilliberah minnha, wara li rat l-

artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputati hatja ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom erbgha (4) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-siess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**